



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2011/0135(COD)

1.12.2011

EMENDI 61 - 118

Abbozz ta' rapport
Antonio Masip Hidalgo
(PE474.085v01-00)

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li permezz tiegħu l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) jiġi fdat b'ċerti kompiti relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inkluż it-tlaqqiġ ta' rappreżentanti mis-settur pubbliku u privat bħala Osservatorju Ewropew tal-Falsifikazzjoni u l-Piraterija

Proposta għal regolament
(COM(2011)0288 – C7-0136/2011 – 2011/0135(COD))

AM\885546MT.doc

PE478.366v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

AM_Com_LegReport

Emenda 61
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li permezz tiegħu l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) jiġi fdat b'ċerti kompiti relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inkluż it-tlaqqiġ ta' rappreżentanti mis-settur pubbliku u privat bħala Osservatorju Ewropew ***tal-Falsifikazzjoni u l-Piraterija***

Emenda

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li permezz tiegħu l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) jiġi fdat b'ċerti kompiti relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inkluż it-tlaqqiġ ta' rappreżentanti mis-settur pubbliku u privat bħala Osservatorju Ewropew ***tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Osservatorju għandu jkollu mandat li jippermetti wkoll ħidma lillinn mill-qasam tal-falsifikazzjoni u l-piraterija, bħal evalwazzjonijiet tal-valur maħluq mid-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (IPR) eċċ.

Emenda 62
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) ***Iż-żieda kostanti*** ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali ***hija*** theddida ġenwina mhux biss għall-ekonomija tal-Unjoni, iżda wkoll għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi tal-Unjoni. Għalhekk, hemm bżonn ta' azzjonijiet effikaċi, immedjati u kkoordinati fuq livell Ewropew u dak globali sabiex jingħeleb

Emenda

(4) ***L-għadd kbir*** ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali ***huwa*** theddida ġenwina mhux biss għall-ekonomija tal-Unjoni, iżda wkoll għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi tal-Unjoni. Għalhekk, hemm bżonn ta' azzjonijiet effikaċi, immedjati u kkoordinati fuq livell Ewropew u dak globali sabiex jingħeleb

dan il-fenomeni.

dan il-fenomeni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm għadd kbir ta' ksur li qed joħloq il-problemi, iżda wieħed jittama li mhux se jkun hemm "żieda kostanti" fihom, jekk il-politiki jkunu effikaċi. It-termini għandhom ikunu iktar preċiżi. Ir-riskju għas-saħħa u s-sigurtà pubbliċi huwa wkoll importanti, iżda ma japplikax għall-ksur kollu.

Emenda 63 Cecilia Wikström

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Fil-kuntest tal-istrateġija ġenerali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali prevista mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2008 dwar pjan Ewropew komprensiv kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni sabiex tniedi Osservatorju Ewropew tal-Falsifikazzjoni u l-Piraterija (*minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Osservatorju"*). Għalhekk il-Kummissjoni ffurmat netwerk ta' esperti mis-settur pubbliku u dak privat u ddeskriviet il-kompiti tiegħu fil-Komunikazzjoni "It-titjib tal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fis-suq intern".

Emenda

(5) Fil-kuntest tal-istrateġija ġenerali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali prevista mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2008 dwar pjan Ewropew komprensiv kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni sabiex tniedi Osservatorju Ewropew tal-Falsifikazzjoni u l-Piraterija. Għalhekk il-Kummissjoni ffurmat netwerk ta' esperti mis-settur pubbliku u dak privat u ddeskriviet il-kompiti tiegħu fil-Komunikazzjoni "It-titjib tal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fis-suq intern". ***Dan ir-Regolament ibiddel l-isem tal-Osservatorju tal-Falsifikazzjoni u l-Piraterija għall-Osservatorju tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Osservatorju").***

Or. en

Emenda 64 Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-Komunikazzjoni stabbilixxiet li l-Osservatorju għandu jsir riżorsa ċentrali għall-ġbir, għall-monitoraġġ u għar-rappurtar ta' informazzjoni u dejta relatati mal-ksur kollu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Għandu jintuża bħala pjattaforma għall-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet interessati fejn jaqsmu ideat u esperjenzi dwar l-aqwa Prattiki, ***jiżviluppaw strateġiji konġunti ta' infurzar u jagħmlu rakkomandazzjonijiet lil dawk li jfasslu l-politika.*** Il-Komunikazzjoni speċifikat li l-Osservatorju għandu jkun organizzat u mmexxi mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Emenda

(6) Il-Komunikazzjoni stabbilixxiet li l-Osservatorju għandu jsir riżorsa ċentrali għall-ġbir, għall-monitoraġġ u għar-rappurtar ta' informazzjoni u dejta relatati mal-ksur kollu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Għandu jintuża bħala pjattaforma għall-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet interessati fejn jaqsmu ideat u esperjenzi dwar l-aqwa Prattiki. Il-Komunikazzjoni speċifikat li l-Osservatorju għandu jkun organizzat u mmexxi mis-servizzi tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 65
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Premessa 10 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(10a) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjonijiet tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-isfruttar tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi¹ ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tqis il-problemi speċifiċi ffaċċjati minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fir-rigward tall-ħarsien tad-drittijiet tagħhom ta' proprjetà intellettuali u biex tippromwovi l-aħjar Prattiki u l-metodi effikaċi għar-rispett ta' dawn id-drittijiet.

Emenda

¹ *Testi adottati, P7_TA(2011)0240.*

Emenda 66
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Organizzat mill-Uffiċċju, l-Osservatorju għandu jsir ċentru ta' eċċellenza dwar informazzjoni u dejta relatati **mal-ksur tad-drittijiet** tal-proprietà intellettwali, billi jibbenefika mill-għarfien, l-esperjenza u r-riżorsi tal-Uffiċċju.

Emenda

(16) Organizzat mill-Uffiċċju, l-Osservatorju għandu jsir ċentru ta' eċċellenza dwar informazzjoni u dejta relatati **mad-drittijiet** tal-proprietà intellettwali, billi jibbenefika mill-għarfien, l-esperjenza u r-riżorsi tal-Uffiċċju. **L-Osservatorju għandu jkollu aċċess għal ġabra ta' esperti akkademiċi b'esperjenza minn dixxiplini rilevanti li jistgħu jassistuh fit-twettiq ta' dmirijetu.**

Ġustifikazzjoni

Madwar l-Ewropa, u fid-dinja kollha, hemm ħafna akkademiċi b'livell għoli ta' kompetenza f'bosta oqsma, bħall-istatistika, l-ekonomija, id-drittijiet ta' proprietà intellettwali, eċċ., li jistgħu jipprovdu appoġġ indipendenti siewi lill-osservatorju meta dan ikun qed iwettaq dmirijetu, biex jiġi garantit li l-ħidma tiegħu tkun tal-ogħla standard possibbli. Għandu jingħad li dawn l-individwi għandhom ikunu involuti biss f'kapaċità ta' konsulenza, pereżempju f'kapaċità individwali jew ta' bord ta' konsulenza.

Emenda 67
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-Uffiċċju għandu joffri forum li jlaqqa' lill-awtoritajiet pubbliċi u lis-settur privat, filwaqt li jiżgura l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' dejta oġġettiva rilevanti,

Emenda

(17) L-Uffiċċju għandu joffri forum li jlaqqa' lill-awtoritajiet pubbliċi u lis-settur privat, filwaqt li jiżgura l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' dejta oġġettiva rilevanti,

komparabbli u affidabbli dwar il-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-ksur ta' dawk id-drittijiet, l-iżvilupp tal-aqwa Prattiki u strateġiji għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, **u t-trawwim tal-għarfien** pubbliku dwar l-impatti tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Barra minn hekk, l-Uffiċċju għandu jwettaq kompiti oħrajn, bħal pereżempju **jtejjeb il-fehim** tal-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, itejjeb l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali permezz ta' miżuri ta' taħriġ adegwat, iżid l-għarfien dwar it-tekniki li jipprevjenu l-falsifikazzjoni, u jtejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

komparabbli u affidabbli dwar il-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-ksur ta' dawk id-drittijiet, l-iżvilupp tal-aqwa Prattiki u strateġiji għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, **li se jrawwem l-għarfien** pubbliku dwar l-impatti tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Barra minn hekk, l-Uffiċċju għandu jwettaq kompiti oħrajn, bħal pereżempju **li jevalwa miżuri li jtejjbu l-fehim** tal-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, itejjeb l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali permezz ta' miżuri ta' taħriġ adegwat, iżid l-għarfien dwar it-tekniki li jipprevjenu l-falsifikazzjoni, u jtejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Osservatorju għandu jiġbor u jipprovdi data u analiżi, peress li dawn iżidu l-għarfien tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali. L-Osservatorju madankollu m'għandux ikun involut fl-organizzazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni u kwistjonijiet simili.

Emenda 68 **Alajos Mészáros**

Proposta għal regolament **Premessa 17**

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-Uffiċċju għandu joffri forum li jlaqqa' lill-awtoritajiet pubbliċi u lis-settur privat, filwaqt li jiżgura l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' dejta oġġettiva rilevanti, komparabbli u affidabbli dwar il-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-ksur ta' dawk id-drittijiet, l-iżvilupp tal-aqwa Prattiki u strateġiji għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u t-trawwim tal-għarfien pubbliku dwar l-

Emenda

(17) L-Uffiċċju għandu joffri forum li jlaqqa' lill-awtoritajiet pubbliċi u lis-settur privat, filwaqt li jiżgura l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' dejta oġġettiva rilevanti, komparabbli u affidabbli dwar il-valur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-ksur ta' dawk id-drittijiet, l-iżvilupp tal-aqwa Prattiki u strateġiji għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u t-trawwim tal-għarfien pubbliku dwar l-

impatti tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali. Barra minn hekk, l-Uffiċċju għandu jwettaq kompiti oħrajn, bħal pereżempju jtejjeb il-fehim tal-valur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, itejjeb l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali permezz ta' miżuri ta' taħriġ adegwat, iżid l-għarfien dwar it-tekniki li jipprevjenu l-falsifikazzjoni, u jtejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

impatti tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali. Barra minn hekk, l-Uffiċċju għandu jwettaq kompiti oħrajn, bħal pereżempju jtejjeb il-fehim tal-valur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, itejjeb l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali permezz ta' miżuri ta' taħriġ adegwat, iżid l-għarfien dwar it-tekniki li jipprevjenu l-falsifikazzjoni, u jtejjeb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. ***II-Kummissjoni għandha tkun assoċjata mal-attivijiet li jsiru mill-Uffiċċju skont dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 69 Sajjad Karim

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-Uffiċċju għandu joffri forum li jlaqqa' lill-awtoritajiet pubbliċi u lis-settur privat, filwaqt li jiżgura l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' dejta oġġettiva rilevanti, komparabbli u affidabbli dwar il-valur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali u l-ksur ta' dawk id-drittijiet, ***l-iżvilupp tal-aqwa prattiki u strateġiji għall-ħarsien*** tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, u t-trawwim tal-għarfien pubbliku dwar l-impatti tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali. Barra minn hekk, l-Uffiċċju għandu jwettaq kompiti oħrajn, bħal pereżempju jtejjeb il-fehim tal-valur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, itejjeb l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali permezz ta' miżuri ta' taħriġ adegwat, iżid l-għarfien dwar it-tekniki li jipprevjenu ***l-falsifikazzjoni***, u jtejjeb il-

Emenda

(17) L-Uffiċċju għandu joffri forum li jlaqqa' lill-awtoritajiet pubbliċi u lis-settur privat, filwaqt li jiżgura l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' dejta oġġettiva rilevanti, komparabbli u affidabbli dwar il-valur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali u l-ksur ta' dawk id-drittijiet, ***jidentifika u jippromwovi l-aqwa prattiki għall-infurzar*** tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, u t-trawwim tal-għarfien pubbliku dwar l-impatti tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali. Barra minn hekk, l-Uffiċċju għandu jwettaq kompiti oħrajn, bħal pereżempju jtejjeb il-fehim tal-valur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, ***jiskambja informazzjoni dwar mudelli ġodda tan-negożju kompetittivi bl-espansjoni tal-offerta legali ta' kontenut kulturali u kreattiv***, itejjeb l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar tad-

kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u
organizzazzjonijiet internazzjonali.

drittijiet tal-proprjetà intellettuali permezz
ta' miżuri ta' taħriġ adegwat, iżid l-
għarfien dwar it-tekniki li jipprevjenu **l-
ksur tad-drittijiet ta' proprjetà
intellettuali**, u jtejjeb il-kooperazzjoni ma'
pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet
internazzjonali.

Or. en

Emenda 70
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Premessa 17 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(17a) Sabiex daww il-kompiti jitwettqu bl-
iqtar mod effiċjenti, l-Uffiċċju għandu
jikkonsulta u jikkoopera ma' awtoritajiet
oħra fil-livell nazzjonali, Ewropew u -
meta jkun xieraq - internazzjonali, joħloq
sinerġiji mal-attivitajiet imwettqa minn
awtoritajiet bħal dawn u jevita kwalunkwe
tip ta' irduppar ta' miżuri.**

Or. en

Emenda 71
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18) Fir-rigward tar-rappreżentanti tas-
settur privat, l-Uffiċċju għandu jinvolvi,
meta jlaqqa' l-Osservatorju fil-kuntast tal-
attivitajiet tiegħu, għażla rappreżentattiva
tas-setturi ekonomiċi l-aktar milquta u li
għandhom l-iqtar esperjenza fil-ġlieda
kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà

(18) Fir-rigward tar-rappreżentanti tas-
settur privat, l-Uffiċċju għandu jinvolvi,
meta jlaqqa' l-Osservatorju fil-kuntast tal-
attivitajiet tiegħu, għażla rappreżentattiva
tas-setturi ekonomiċi l-aktar milquta u li
għandhom l-iqtar esperjenza fil-ġlieda
kontra l-ksur **kif ukoll il-valorizzazzjoni**

intellettwali, b'mod partikolari r-rappreżentanti tad-detenturi tad-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-Internet. Għandu jkun hemm ukoll rappreżentanza xierqa tal-konsumaturi u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettwali, b'mod partikolari r-rappreżentanti tad-detenturi tad-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-Internet. Għandu jkun hemm ukoll rappreżentanza xierqa tal-konsumaturi u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Or. en

Emenda 72
Alajos Mészáros

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Fir-rigward tar-rappreżentanti tas-settur privat, l-Uffiċċju għandu jinvolti, meta jlaqqa' l-Osservatorju fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu, għażla rappreżentattiva tas-setturi ekonomiċi l-aktar milquta u li għandhom l-iktar esperjenza fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettwali, b'mod partikolari r-rappreżentanti tad-detenturi tad-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-Internet. Għandu jkun hemm ukoll rappreżentanza xierqa tal-konsumaturi u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Emenda

(18) Fir-rigward tar-rappreżentanti tas-settur privat, l-Uffiċċju għandu jinvolti, meta jlaqqa' l-Osservatorju fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu, għażla rappreżentattiva tas-setturi ekonomiċi l-aktar milquta u li għandhom l-iktar esperjenza fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettwali, b'mod partikolari r-rappreżentanti ***tal-awturi u ħallieqa oħra***, tad-detenturi tad-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-Internet. Għandu jkun hemm ukoll rappreżentanza xierqa tal-konsumaturi u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Or. en

Emenda 73
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Fir-rigward tar-rappreżentanti tas-

Emenda

(18) Fir-rigward tar-rappreżentanti tas-

settur privat, l-Uffiċċju għandu jinvolti, meta jlaqqa' l-Osservatorju fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu, għażla rappreżentattiva tas-setturi ekonomiċi l-aktar milquta **u** li għandhom l-iktar esperjenza fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettuali, b'mod partikolari r-rappreżentanti tad-detenturi tad-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-Internet. Għandu jkun hemm ukoll rappreżentanza xierqa tal-konsumaturi u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

settur privat, l-Uffiċċju għandu jinvolti, meta jlaqqa' l-Osservatorju fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu, għażla rappreżentattiva tas-setturi ekonomiċi, **inklużi l-industriji kreattivi**, l-aktar milquta minn **jew** li għandhom l-iktar esperjenza fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettuali, b'mod partikolari r-rappreżentanti **ta' awturi**, tad-detenturi tad-drittijiet u **intermedjarji, inklużi** l-fornituri tas-servizzi tal-Internet, **il-fornituri tat-telekomunikazzjonijiet u tas-servizzi onlajn**. Għandu jkun hemm ukoll rappreżentanza xierqa tal-konsumaturi u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Or. en

Emenda 74

Christian Engström, Eva Lichtenberger

Proposta għal regolament

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Fir-rigward tar-rappreżentanti tas-settur privat, l-Uffiċċju għandu jinvolti, meta jlaqqa' l-Osservatorju fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu, għażla rappreżentattiva tas-setturi ekonomiċi l-aktar milquta u li għandhom l-iktar esperjenza **fil-ġlieda kontra l-ksur** tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettuali, **b'mod partikolari** r-rappreżentanti tad-detenturi tad-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-Internet. Għandu jkun hemm **ukoll** rappreżentanza xierqa tal-konsumaturi u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Emenda

(18) Fir-rigward tar-rappreżentanti tas-settur privat, l-Uffiċċju għandu jinvolti, meta jlaqqa' l-Osservatorju fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu, għażla rappreżentattiva tas-setturi ekonomiċi l-aktar milquta u li għandhom l-iktar esperjenza **fil-qasam** tad-drittijiet tal-proprjeta' intellettuali, **bħal pereżempju** r-rappreżentanti tad-detenturi tad-drittijiet u l-fornituri tas-servizzi tal-Internet. Għandu jkun hemm rappreżentanza xierqa tal-konsumaturi **tal-gruppi tas-soċjeta' ċivili** u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Or. en

Emenda 75

Cecilia Wikström

**Proposta għal regolament
Artikolu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jinkariga lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju") b'ċerti kompiti relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali. Fit-twettiq ta' dawn il-kompiti l-Uffiċċju għandu jistieden regolarment lil esperti, awtoritajiet u partijiet interessati li għandhom jiltaqgħu taħt l-isem ta' "Osservatorju Ewropew dwar **il-Falsifikazzjoni u l-Piraterija**" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Osservatorju").

Emenda

Dan ir-Regolament jinkariga lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju") b'ċerti kompiti relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali. Fit-twettiq ta' dawn il-kompiti l-Uffiċċju għandu jistieden regolarment lil esperti, awtoritajiet u partijiet interessati li għandhom jiltaqgħu taħt l-isem ta' "Osservatorju Ewropew dwar **id-Drittijiet ta' Proprjeta Ċivili**" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Osservatorju").

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Osservatorju għandu jkollu mandat li jippermetti wkoll ħidma lilhinn mill-qasam tal-falsifikazzjoni u l-piraterija, bħal evalwazzjonijiet tal-valur maħluq mid-drittijiet ta' proprjeta intellettwali (IPR) eċċ.

**Emenda 76
Alajos Mészáros**

**Proposta għal regolament
Artikolu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jinkariga lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju") b'ċerti kompiti relatati **mal-protezzjoni** tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali. Fit-twettiq ta' dawn il-kompiti l-Uffiċċju għandu jistieden regolarment lil esperti, awtoritajiet u partijiet interessati li għandhom jiltaqgħu taħt l-isem ta' "Osservatorju Ewropew dwar il-

Emenda

Dan ir-Regolament jinkariga lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju") b'ċerti kompiti relatati **mal-infurzar** tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali **koperti mid-Direttiva 2004/48/KE, bl-għan li jiġu faċilitati u appoġġati l-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali, is-settur privat u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-ġlieda kontra**

Falsifikazzjoni u l-Piraterija" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Osservatorju").

l-ksur ta' dawk id-drittijiet. Fit-twettiq ta' dawn il-kompiti l-Uffiċċju għandu jistieden regolarment lil esperti, awtoritajiet u partijiet interessati li għandhom jiltaqgħu taħt l-isem ta' "Osservatorju Ewropew dwar il-Falsifikazzjoni u l-Piraterija" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Osservatorju").

Or. en

Emenda 77
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) itejjeb il-fehim dwar l-ambitu u l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali, protetti taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea jew il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi d-drittijiet tal-proprjeta industrijali, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur;

imħassar

Or. en

Emenda 78
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) itejjeb il-fehim dwar il-valur tal-proprjeta intellettwali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċaqliq tal-Artikoli 2(1a) u 2(1b).

Emenda 79

Christian Engström, Eva Lichtenberger

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jistabbilixxi metodoloġija trasparenti għall-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar ta' dejta indipendenti, oġġettiva, komparabbli u affidabbli relatata mal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

Or. en

Emenda 80

Cecilia Wikström

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) itejjeb il-fehim dwar l-ambitu u l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, protetti taħt il-liġi tal-Unjoni jew il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi d-drittijiet tal-proprjetà industrijali, id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċaqliq tal-Artikoli 2(1a) u 2(1b)

Emenda 81
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) itejjeb il-fehim dwar il-valur tal-proprjetà intellettuali;

imħassar

Or. en

Emenda 82
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jevalwa l-aħjar prattika bl-għan li jiżgura li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-persuni naturali, l-organizzazzjonijiet bla profitt u l-universitajiet ikunu jistgħu jagħmlu użu effikaċi mid-drittijiet ta' proprjetà intellettuali;

Or. en

Emenda 83
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jevalwa l-aħjar prattiki bl-għan li jiżgura li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-organizzazzjonijiet bla profitt u l-universitajiet ikunu jistgħu jinfurzaw id-drittijiet tagħhom ta' proprjetà

intellettwali;

Or. en

Emenda 84
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) isaħħaħ l-għarfien dwar l-aqwa prattiki fis-settur pubbliku u dak privat għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali;

Emenda

(c) isaħħaħ l-għarfien dwar l-aqwa prattiki fis-settur pubbliku u dak privat għall-ħarsien ***u l-valorizzazzjoni*** tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali ***fi ħdan suq intern li jaħdem kif xieraq;***

Or. en

Emenda 85
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) iżid l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 86
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) *iżid* l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

Emenda

(d) *jevalwa l-aħjar Prattiki fir-rigward tal-metodi li jżidu* l-għarfien taċ-ċittadini dwar l-impatt ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

Or. en

Emenda 87

Eva Lichtenberger, Christian Engström

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) jimmonitorja u jirrapporta dwar l-effetti tal-offerti legali onlajn dwar l-użu ta' kontenut mhux awtorizzat;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Osservatorju m'għandux jiffoka biss fuq l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali iżda għandu wkoll jiffoka fuq objettivi oħra bħal dak deskritt fl-emenda.

Emenda 88

Cecilia Wikström

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) isaħħaħ l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

(e) isaħħaħ l-għarfien espert ta' persuni involuti fl-infurzar **u l-valorizzazzjoni** tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

Or. en

Emenda 89
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) isaħħaħ l-għarfien dwar għodod tekniċi għall-prevenzjoni **u l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija**, inklużi sistemi ta' osservazzjoni u traċċar;

Emenda

(f) isaħħaħ l-għarfien dwar għodod tekniċi għall-prevenzjoni **ta' ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali**, inklużi sistemi ta' osservazzjoni u traċċar;

Or. en

Emenda 90
Alajos Mészáros

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) isaħħaħ l-għarfien dwar għodod tekniċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda **kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, inklużi sistemi ta' osservazzjoni u traċċar;**

Emenda

(f) isaħħaħ l-għarfien dwar għodod tekniċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda **kontra l-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;**

Or. en

Emenda 91
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) isaħħaħ l-għarfien dwar għodod tekniċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda **kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija**, inklużi sistemi ta' osservazzjoni u traċċar;

Emenda

(f) isaħħaħ l-għarfien dwar għodod tekniċi għall-prevenzjoni u l-ġlieda **kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali**, inklużi sistemi ta' osservazzjoni u traċċar;

Or. en

Emenda 92
Françoise Castex

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f a) Jiggarantixxi l-libertà tal-komunikazzjoni, id-dritt għal proċess ġust u l-libertajiet fundamentali l-oħra fil-qafas tal-proċeduri ta' implimentazzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali;

Or. fr

Emenda 93
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jistabbilixxi metodoloġija għall-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar ta' dejta indipendenti, oġġettiva, komparabbli u affidabbli relatata mal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

(b) jistabbilixxi metodoloġija għall-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar ta' dejta indipendenti, oġġettiva, komparabbli, **soda** u affidabbli relatata mal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

Or. en

Emenda 94
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) jiġbor, janalizza u jxerred dejta indipendenti, oġġettiva, komparabbli u affidabbli dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

(c) jiġbor, janalizza u jxerred dejta **rilevanti**, indipendenti, oġġettiva, komparabbli, **soda** u affidabbli dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

Emenda 95
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) jiġbor, janalizza u jxerred dejta oġġettiva rilevanti, komparabbli u affidabbli dwar il-valur ekonomiku tal-proprjeta intellettwali u l-kontribut tagħha għat-tkabbir ekonomiku, il-benesseri, l-innovazzjoni, il-kreattività, id-diversità kulturali, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ta' kwalità għolja fi ħdan l-Unjoni;

Emenda

(d) jiġbor, janalizza u jxerred dejta **indipendenti u** oġġettiva rilevanti, komparabbli, **soda** u affidabbli dwar il-valur ekonomiku tal-proprjeta intellettwali u l-kontribut tagħha għat-tkabbir ekonomiku, il-benesseri, l-innovazzjoni, il-kreattività, id-diversità kulturali, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ta' kwalità għolja fi ħdan l-Unjoni;

Emenda 96
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) jipprovdi valutazzjonijiet regolari u rapporti speċifiċi skont is-settur ekonomiku, iż-żona ġeografika u t-tip ta' dritt ta' proprjeta intellettwali miksur, li jevalwaw, inter alia, l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali fuq is-soċjeta, l-ekonomija, is-saħħa, l-ambjent, is-sigurtà u s-sikurezza, u r-relazzjoni ta' ksur bħal dan mal-kriminalità organizzata **u mat-terroriżmu**;

Emenda

(e) jipprovdi valutazzjonijiet regolari u rapporti speċifiċi skont is-settur ekonomiku, iż-żona ġeografika u t-tip ta' dritt ta' proprjeta intellettwali miksur, li jevalwaw, inter alia, l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali fuq is-soċjeta, l-ekonomija, is-saħħa, l-ambjent, is-sigurtà u s-sikurezza, u r-relazzjoni ta' ksur bħal dan mal-kriminalità organizzata;

Emenda 97
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) jipprovdi valutazzjonijiet regolari u rapporti speċifiċi skont is-settur ekonomiku, iż-żona ġeografika u t-tip ta' dritt ta' proprjetà intellettuali miksur, li jevalwaw, inter alia, l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuq is-soċjetà, l-ekonomija, is-saħħa, l-ambjent, is-sigurtà u s-sikurezza, u r-relazzjoni ta' ksur bħal dan mal-kriminalità organizzata u mat-terroriżmu;

Emenda

(e) jipprovdi valutazzjonijiet regolari u rapporti speċifiċi skont is-settur ekonomiku, iż-żona ġeografika u t-tip ta' dritt ta' proprjetà intellettuali miksur, li jevalwaw, inter alia, l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fuq is-soċjetà, l-ekonomija, ***inkluża valutazzjoni tal-effetti fuq is-SME***, is-saħħa, l-ambjent, is-sigurtà u s-sikurezza, u r-relazzjoni ta' ksur bħal dan mal-kriminalità organizzata u mat-terroriżmu;

Or. en

Emenda 98
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) jiġbor, janalizza u jxerred informazzjoni dwar l-aqwa prattiki bejn ir-rappreżentanti li jiltaqgħu bħala Osservatorju, ***u jiżviluppa strateġiji bbażati*** fuq tali prattiki;

Emenda

(f) jiġbor, janalizza u jxerred informazzjoni dwar l-aqwa prattiki bejn ir-rappreżentanti li jiltaqgħu bħala Osservatorju, u, ***meta jintalab jagħmel dan, jagħmel rakkomandazzjonijiet ibbażati*** fuq tali prattiki;

Or. en

Emenda 99
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) ifassal rapporti u pubblikazzjonijiet sabiex iżid l-għarfien taċ-ċittadini *tal-UE* dwar ***l-impatt tal-ksur*** tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u jorganizza konferenzi, ***kampanji onlajn u offlajn, avvenimenti u laqgħat*** fil-livell Ewropew u dak internazzjonali;

Emenda

(g) ifassal rapporti u pubblikazzjonijiet sabiex iżid l-għarfien taċ-ċittadini *tal-Unjoni* dwar ***il-valur*** tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali ***u l-impatt tal-ksur ta' dawn id-drittijiet***, u jorganizza konferenzi fil-livell Ewropew u dak internazzjonali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskop tal-Osservatorju għandu jkun li jiġġenera statistika u data dwar id-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali u dwar il-ksur ta' dawn id-drittijiet. Din id-data tkun utli biex jiżjed l-għarfien pubbliku, iżda dan il-kompitu m'għandux jitħalla f'idejn l-Osservatorju.

Emenda 100
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) ifassal rapporti u pubblikazzjonijiet sabiex iżid l-għarfien ***taċ-ċittadini tal-UE*** dwar l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u jorganizza konferenzi, ***kampanji onlajn u offlajn, avvenimenti u laqgħat*** fil-livell Ewropew u dak internazzjonali;

Emenda

(g) ifassal rapporti u pubblikazzjonijiet sabiex iżid l-għarfien ***fost iċ-ċittadini tal-Unjoni*** dwar l-impatt tal-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u ***għal dan il-għan***, jorganizza konferenzi, avvenimenti u laqgħat fil-livell Ewropew u dak internazzjonali ***u jappoġġa azzjonijiet nazzjonali u pan-Ewropej***;

Or. en

Emenda 101
Antonio Masip Hidalgo

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt g a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ga) jimmonitorja l-iżvilupp ta' mudelli
ġodda ta' negozju kompetittivi li jespandu
l-offerta legali ta' kontenut kulturali u
kreattiv, iħeġġeġ l-iskambju ta'
informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-
konsumaturi f'dan ir-rigward;**

Or. en

Emenda 102
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt g a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ga) jimmonitorja l-iżvilupp ta' mudelli
ġodda ta' negozju kompetittivi, jespandi l-
offerta legali ta' kontenut kulturali u
kreattiv u jħeġġeġ l-iskambju ta'
informazzjoni;**

Or. en

Emenda 103
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(j) jirriċerka, jevalwa u jippromwovi
għodod tekniċi għall-professjonisti u
tekniki ta' referenza, inklużi sistemi ta'
osservazzjoni u traċċar li jgħinu fid-
distinzjoni bejn prodotti ġenwini u daww
foloz;**

**(j) jevalwa u jippromwovi għodod tekniċi
għall-professjonisti u tekniki ta' referenza,
inklużi sistemi ta' osservazzjoni u traċċar li
jgħinu fid-distinzjoni bejn prodotti ġenwini
u daww foloz;**

Ġustifikazzjoni

Ir-riċerka tindika li l-Osservatorju għandu jkun impenjat fir-riċerka u l-iżvilupp b'rabta ma' dawn is-sistemi, li m'għandux ikun. Madankollu, jista' jevalwa u jippromwovi għodda u l-aħjar prattiki.

Emenda 104
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) jibni strateġiji b'kooperazzjoni mal-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri, inkluż l-Uffiċċju għall-Proprietà Intellettwali tal-Benelux, u jiżviluppa tekniki, ħiliet u għodod relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inklużi programmi ta' taħriġ **u kampanji ta' għarfien;**

Emenda

(1) jibni strateġiji b'kooperazzjoni mal-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri, inkluż l-Uffiċċju għall-Proprietà Intellettwali tal-Benelux, u jiżviluppa tekniki, ħiliet u għodod relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inklużi programmi ta' taħriġ;

Emenda 105
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) **jibni** strateġiji b'kooperazzjoni mal-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri, inkluż l-Uffiċċju għall-Proprietà Intellettwali tal-Benelux, u jiżviluppa tekniki, ħiliet u għodod relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inklużi programmi ta' taħriġ u kampanji ta' għarfien;

Emenda

(1) **jassisti, meta jintalab jagħmel dan, fl-iżvilupp ta'** strateġiji b'kooperazzjoni mal-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri, inkluż l-Uffiċċju għall-Proprietà Intellettwali tal-Benelux, u jiżviluppa tekniki, ħiliet u għodod relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inklużi programmi ta' taħriġ u

kampanji ta' għarfien;

Or. en

Emenda 106
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, **inkluż** abbażi tat-talba **mill-Kummissjoni**;

Emenda

(n) jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, abbażi tat-talba **minn istituzzjoni tal-Unjoni waħda jew iktar**;

Or. en

Emenda 107
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 2a

Panil ta' esperti akkademiċi

L-Osservatorju għandu jgħaqqad ġabra ta' esperti akkademiċi fi ħdan oqsma akkademiċi rilevanti, sabiex jassistu lill-Osservatorju fil-kompiti u l-attivitajiet stabbiliti fl-Artikolu 2.

Or. en

Emenda 108
Antonio Masip Hidalgo

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rappreżentanti li jiltaqgħu bħala l-Osservatorju li jkunu mistiedna mis-settur privat għandhom jinkludu firxa wiesgħa **u** rappreżentattiva ta' korpi tal-UE u korpi nazzjonali li jirrappreżentaw id-diversi setturi ekonomiċi l-aktar milquta **u** bl-iktar esperjenza fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

Emenda

Ir-rappreżentanti li jiltaqgħu bħala l-Osservatorju li jkunu mistiedna mis-settur privat għandhom jinkludu firxa wiesgħa, rappreżentattiva **u bbilanċjata** ta' korpi tal-UE u korpi nazzjonali li jirrappreżentaw id-diversi setturi ekonomiċi, **inklużi l-industriji kreattivi**, inklużi l-industriji kreattivi, l-aktar milquta **jew** bl-iktar esperjenza fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

Or. en

Emenda 109
Antonio Masip Hidalgo

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi **u** *intrapriżi* żgħar u ta' daqs medju għandhom ikunu rrapreżentati kif xieraq.

Emenda

L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, *l-intrapriżi* żgħar u ta' daqs medju, **l-awturi u ħallieqa oħra** għandhom ikunu rrapreżentati kif xieraq.

Or. en

Emenda 110
Alajos Mészáros

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u *intrapriżi* żgħar u ta' daqs medju għandhom ikunu rrapreżentati kif xieraq.

Emenda

L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, *intrapriżi* żgħar u ta' daqs medju, **awturi, ħallieqa oħra u atturi rilevanti oħra tal-**

industriji kreattivi għandhom ikunu rrappreżentati kif xieraq.

Or. en

Emenda 111
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Uffiċċju għandu jippubblika lista ċara u oġġettiva ta' kriterji għall-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fil-ħidma tal-Osservatorju.

Or. en

Emenda 112
Alajos Mészáros

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-Uffiċċju għandu jistieden *rappreżentant nazzjonali wieħed minn* kull Stat Membru, *u ħames rappreżentanti kull wieħed mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni.*

3. L-Uffiċċju għandu jistieden kull Stat Membru *biex jibgħat tal-inqas rappreżentant wieħed mill-amministrazzjoni pubblika tiegħu għall-laqgħat tal-Osservatorju. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jiżguraw kontinwità fil-ħidma tal-Osservatorju.*

Or. en

Emenda 113
Alajos Mészáros

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta jkun xieraq, l-Uffiċċju għandu jorganizza laqgħat li jikkonsistu fi:

(a) rappreżentanti mill-amministrazzjonijiet pubbliċi, entitajiet u organizzazzjonijiet fl-Istati Membri, u

(b) rappreżentanti tas-settur privat.

Or. en

Emenda 114
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għal-liġi li tirregola l-ipproċessar tad-dejta personali, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tas-settur privat li jiltaqgħu bħala Osservatorju **għandhom:**

Mingħajr preġudizzju għal-liġi li tirregola l-ipproċessar tad-dejta personali, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tas-settur privat li jiltaqgħu bħala Osservatorju **jistgħu:**

Or. en

Emenda 115
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jipprovdu statistiċi dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

(b) jipprovdu, **meta jkunu disponibbli**, statistiċi dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali;

Or. en

Emenda 116
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Uffiċċju għandu jqis l-obbligi eżistenti fuq l-Istati Membri li jirrikjeduhom jipprovdu informazzjoni fuq ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u għandhom ifittxu li jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi.

Or. en

Emenda 117
Sajjad Karim

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) rakkomandazzjonijiet dwar politiki futuri fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż dwar kif tista' titjieb il-kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri.

imħassar

Or. en

Emenda 118
Cecilia Wikström

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) rakkomandazzjonijiet dwar politiki

(e) valutazzjonijiet ta' għażliet politiċi fil-

futuri fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inkluż dwar kif tista' titjeb il-kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri.

qasam tal-protezzjoni *u l-valorizzazzjoni* tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, inkluż dwar kif tista' titjeb il-kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri.

Or. en